MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 243/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmar Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Jesmar Abela talli fit-13 ta' Mejju 2001, għall-ħabta tas-2.00 a.m., gewwa Paceville, limiti ta' San Giljan, minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqieghed f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Donna Josephine Evans;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat 3 ta' Novembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jesmar Abela hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli

218(1)(a)(3) u 216(1)(b)(d) tal-Kap. 9, ikkunndannatu għal tliet snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jesmar Abela pprezentat fil-11 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi u f'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta' Donna Josephine Evans;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi; (2) l-artikolu 218(1)(a)(3) tal-Kodici Kriminali ma jezistix u ma setax jinsab hati taht l-imsemmi artikolu; (c) minghajr pregudizzju, il-piena hi eccessiva. Din il-Qorti sejra tittratta dawn l-aggravji *seriatim*:

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.'"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

L-appellant jattakka l-kredibilita` tal-vittma Donna Evans. Jghid illi minhabba r-rassa ta' nies li kien hemm il-Footloose fil-gurnata in kwistjoni huwa inverosimili li persuna setghet taghmel manuvra biex taghti daqqa ta' sieq ("xutt") kif qalet Evans. Qal li l-anqas ma hemm evidenza medika li hija sofriet daqqa ta' sieq. U kieku verament l-appellant kisser tazza f'wicc Evans, kien ikun hemm tracci ta' hgieg u tali tracci ma nstabux. Anke l-feriti li garrbet f'wiccha kienu jkunu differenti, isostni l-appellant. Jghid li l-anqas ma rrizulta evidenza ta' gidma f'spallitha. Dwar ix-xhieda tal-prosekuzzjoni Annalise Baldacchino u Sharon Bellia jghid li dawn ma setghux jaraw dak li qalu li raw peress li Evans kienet warajhom. Jirreferi mbaghad

ghac-cahda kategorika tieghu stess *a tempo vergine* kif ukoll jirreferi ghal dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti. Jghid li l-verzjoni tieghu hi korroborata minn Taddeo Scicluna u Raymond Fenech. Ghalhekk isostni li l-ewwel Qorti imissha waslet ghal decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha. Jinsisti li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Issa, l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u li tisma' x-xhieda. Kellha ghalhekk l-opportunita` li tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u tqis "jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti". Kellha l-opportunita` tqis "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra" u tqis ukoll "ic-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi kollha li semghet qalet li kienet tqis il-verzjoni ta' Donna Evans "kredibbli, verosimili u li ghandha mis-sewwa u dan a tenur ta' l-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta". Irreferiet ghall-"manjera koerenti u preciza li bih tat ix-xiehda Donna Evans tul id-diversi seduti u tul il-kontro-ezami estensiv li sarilha". Qalet li l-verzjoni ta' Evans kienet "konfortata mix-xiehda tat-tobba u kkorroborata pjenament minn zewg tfajliet li attwalment kienu prezenti ghall-incident." Kwantu ghall-verzjoni ta' l-appellant u shabu u li qalet l-anqas emmnet li kienu hemm, sostniet li din m'ghandhiex mis-sewwa u mhijiex kredibbli u li "jekk wiehed jifliha b'mod oggettiv, ma taghmel ebda sens – kwazi kwazi hi tad-dahk".

Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u fil-fehma taghha l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment temmen il-verzjoni li tat Donna Evans u tiskarta dik ta' l-appellant. Difatti dak li qalet Donna Evans dwar il-feriti li garrbet u kif garrbithom hu korroborat in parti minn Analise Baldacchino (li qalet li rat lill-appellant jaqbad il-warrani ta' Evans u jtiha daqqa ta' sieq bejn saqajha) u in parti minn Sharon Bellia (li qalet li ratu jaghti daqqa ta' tazza f'wicc Evans), u mill-mod kif dawn ix-xhieda iddeskrivew is-sekwenza ta' l-affarijiet, l-

ewwel Qorti setghet ragjonevolment temmen il-verzjoni li huma taw bhala wahda logika u kredibbli. Dakinhar stess ta’ l-incident imbaghad Donna Evans giet invistata fil-*Casualty Department* mit-tabib Dr. Simon Bugeja li, minbarra li ddeskriva l-feriti li Evans garrbet f’xufftejha u f’halqha, sab li kellha tbengila fuq spallitha tal-lemin u ftit ugiegh f’koxxitha tal-lemin. Quddiem din il-Qorti Donna Evans ikkonfermat ghal darb’ohra li kien l-appellant li kien taha daqqa ta’ tazza.

Issa, l-appellant jghid li Donna Evans ma tistax titwemmen meta tghid li huwa xxuttjaha in vista tar-rassa ta’ nies li kien hemm. Pero` l-istess appellant fix-xiehda tieghu, wara li jallega li Evans taghtu daqqa ta’ harta u ppruvat issawtu, telqet tigri ghal mal-bar u garatlu flixkun li laqtitu f’wiccu bih. Allura l-appellant ghandu jitwemmen meta jghid li Evans “telqet tigri” u sahansitra li garatlu flixkun li laqat lilu? Kif jispjega l-affarijiet hu ma jfissirx li ma kien hemm l-ebda rassa? Fix-xiehda tieghu l-appellant jissuggerixxi li seta’ kien kaz ta’ *mistaken identity*, cioe li xi hadd ghamlilha xi haga u wehel hu. Haga bhal din mhix inverosimili, izda mhux meta hemm zewg xhieda ohra, Analise Baldacchino u Sharon Bellia, li jghidu li l-appellant kien ghadu kemm ittanta lilhom ukoll.

Kwantu ghal dak li jghid l-appellant li ma rrizultawx tracci ta’ hgieg f’halq u f’wicc Donna Evans, jinghad li t-tabib Dr. Simon Bugeja ma giex mistoqsi dwar jekk instabux tali tracci, u fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ssostni illi daqqa ta’ tazza f’wicc persuna mhux necessarjament thalli tracci ta’ hgieg.

Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant qieghed isostni illi l-artikolu 218(1)(a)(3) tal-Kodici Kriminali ma jezistix. L-appellant m’ghandux ragun peress illi jezistu kemm il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 218 tal-Kodici Krminali kif ukoll is-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 218. Dak li jmissu ssolleva l-appellant u li qieghdha tissolleva din il-Qorti hu illi s-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 218 jirreferi ghall-piena applikabbli fejn offiza fuq il-

persuna tkun saret bil-mezz ta’ likwidu jew sustanza li jesplodu (minn erbgha sa ghoxrin sena prigunerija) u li ghalhekk mhuwiex applikabbli f’dan il-kaz. Barra minn hekk, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tar-ritratti esebiti u wara li rat *de visu* lil Donna Adams, ma jistax jinghad li jirrizulta sfregju fil-wicc.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li jqis bhala eccessiva. Jirreferi ghall-fedina penali netta tieghu u li kellha twassal lill-ewwel Qorti sabiex tittratta mieghu bhala *first time offender*. Din il-Qorti kellha l-okkazjoni diversi drabi tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta prigunerija b’effett immedjat. F’dan il-kaz certament il-piena idoneja hija dik ta’ prigunerija. Fil-mori ta’ dan l-appell pero` rrizulta illi l-appellant hass li kellu jikkumpensa lill-vittma Donna Evans ghall-offizi li hija garrbet f’dan l-incident tat-13 ta’ Mejju 2001. Difatti fis-seduta ta’ l-4 ta’ Settembru 2007 Donna Evans regghet xehdet, infurmat lill-Qorti li kien thallas lilha kumpens u – nonostante l-offizi li hija garrbet – li kienet qed tahfer lill-appellant. Filwaqt illi din il-Qorti tikkundanna bla ebda rizerva l-agir aggressiv li wassal ghall-offizi li garrbet Donna Evans, offizi ta’ natura pjuttost serja, din il-Qorti jidhrilha li ma tistax tinjora l-mahfra inkondizzjonata tal-vittma stess. Ghalhekk, u in vista ta’ dak li ntqal meta kien qieghed jigi kkunsidrat it-tieni aggravju, hemm lok ta’ temperament fil-piena u anke li l-piena ta’ prigunerija tigi sospiza sabiex isir ordni ta’ supervizjoni ghall-perijodu massimu permissibbli mil-ligi li matulu jigi indirizzat l-atteggjament ta’ l-appellant lejn persuni ohra u l-agir tieghu fis-socjeta`, inkluz ghal dan il-ghan li jaghmel kors fil-*first aid* mas-St. John’s Ambulance Brigade.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati skond l-akkuza b’dan illi tirrevokaha in kwantu sabitu hati skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta u ghalhekk tiddikjarah mhux hati ta’ offiza gravi konsistenti fi sfregju u tilliberah mis-sejbien ta’ htija skond l-imsemmi artikolu 216(1)(b), tirrevokaha wkoll in kwantu

kkundannatu tliet snin prigunerija u minflok tikkundannah sentejn prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 28G tal-Kap. 9, taghmel ordni ta’ supervizjoni u tqieghed lill-appellant taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghall-perijodu operattiv kollu u taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------